# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2018**

**Numru 4**

**Rikors numru 1084/13 JZM**

**Brian Tonna bhala stralcjarju tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C35708)**

**v.**

**Luciano Rotondi, Andrea Ratti u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2018 Dr. Janika Bugeja u l-Prokuratur Legali Madeleine Firman gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Luciano Rotondi u Andrea Ratti; Enzo Resciniti, Bruno Lago, Vincenzo Viscione, Paolo Viscione, Giovanni Sidoti, Antonio Resciniti u Fabio Solano**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment limitat ghall-kwistjoni dwar id-dezerzjoni ta' appell taht l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-fatti relevanti ghal din il-kwistjoni kienu s-segwenti:

Fil-15 ta' Dicembru, 2016, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat sentenza preliminari li permezz taghha gie deciz illi:

> "Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghdha taqta` u tiddeciedi hekk :-
>
> Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Giuseppe sive` Pino Resciniti limitatament billi tiddikjara illi ghandha gurisdizzjoni biss sabiex tisma` u tiddeciedi fil-konfront tal-konvenut Giuseppe sive` Pino Resciniti l-mertu tat-talbiet attrici naxxenti minn obbligi ta` natura kontrattwali.
>
> Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Enzo Resciniti limitatament billi tiddikjara illi ghandha gurisdizzjoni biss sabiex tisma` u tiddeciedi fil-konfront tal-konvenut Enzo Resciniti l-mertu tal-talbiet attrici naxxenti minn obbligi ta` natura kontrattwali.
>
> Tilqa` l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut Bruno Lago limitatament billi tiddikjara illi ghandha gurisdizzjoni biss sabiex tisma` u tiddeciedi fil-konfront tal-istess konvenut il-mertu tat-talbiet attrici naxxenti minn obbligi ta` natura kontrattwali.
>
> Tilqa` l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti Fabio Solano, Paolo Viscione u Vincenzo Viscione u tiddikjara li m`ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi l-mertu tat-talbiet attrici fil-konfront taghhom.
>
> Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Antonio Resciniti u tiddikjara li m`ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi l-mertu tat-talbiet attrici fil-konfront tieghu.
>
> Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` eccezzjoni tal-konvenut Antonio Rasciniti.
>
> Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha."

Minn dik is-sentenza appella l-intimat Bruno Lago, permezz ta' rikors tal-appell datat 4 ta' Jannar, 2017. Mill-istess rikors tal-appell jirrizulta li

kellhom isiru disa’ notifiki, wahda lill-istralcjarju rikorrent hawn Malta u tmien notifiki lill-intimati appellati l-ohra fl-Italja, senjatament lil Luciano Rotondi, Antonio Resciniti, Giovanni Sidoti, Enzo Resciniti, Andrea Ratti, Vincenzo Viscione, Paolo Viscione u Fabio Solano.

Fis-6 ta’ Frar, 2017 saret ir-risposta tal-appell tal-istralcjarju. L-ghada fis-7 ta’ Frar, 2017, l-istess stralcjarju permezz ta’ rikors talab li peress li l-intimati huma residenti fl-Italja, pajjiz membru ta’ l-Unjoni Ewropea, in-notifika tar-risposta tal-appell kellha ssir skont id-dispozizzjonijiet tar-Regolament numru 1393/2007/KE. Mill-inkartament in atti jirrizulta li, permezz ta’ din il-procedura, xi whud mill-intimati appellati gew notifikati bir-risposta tal-appell u ohrajn baqghu mhux notifikati.

Fis-6 ta’ Ottubru, 2017, saret nota da parti tal-appellant li permezz taghha giet ipprezentata traduzzjoni bit-Taljan tal-appell minnu pprezentat fl-4 ta’ Jannar, 2017. Disa’ xhur wara li gie pprezentat ir-rikors tal-appell, fid-9 ta’ Ottubru, 2017, l-appellant pprezenta rikors sabiex issir notifika lill-intimati l-ohra Taljani (Luciano Ritondi, Andrea Ratti, Enzo Resciniti, Vincenzo Viscione, Paolo Viscione, Giovanni Sidoti, Antonio Resciniti u Fabio Solano) bit-traduzzjoni tar-rikors tal-appell bil-lingwa Taljana tramite l-Avukat Generali kif tipprovdi l-Konvenzjoni tal-Aja u l-Kap. 443 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar ir-Ratifika ta’ Konvenzjonijiet dwar Proceduri Legali).

L-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-10 ta' Ottubru, 2017, fejn dehru l-avukati tal-appellant u l-avukat tal-istralcjarju appellat. Gie verbalizzat li peress li kien ghad jonqos xi notifiki, l-appell baqa' differit ghan-notifiki li kien hemm pendenti ghat-30 ta' Jannar, 2018. Wara din l-ewwel udjenza saru zewg tentattivi ohra ta' notifika, da parti tal-appellant, wahda fis-26 ta' Ottubru, 2017, u l-ohra fil-21 ta' Novembru, 2017. Filwaqt li mill-atti jirrizulta referta pozittiva fil-konfront ta' Fabio Solano, Antonio Resciniti, Enzo Resciniti, Giovanni Sidoti u Luciano Rotondi, l-ahwa Resciniti, fis-26 ta' Jannar, 2018 ghamlu nota li permezz taghha, filwaqt li taw ruhhom b'notifikati bir-rikors tal-appell, ghamlu taghhom l-istess rikors tal-appell intavolat mill-intimat appellant, izda baqghet tirrizulta referta negattiva fil-konfront ta' Andrea Ratti, kif ukoll fil-konfront ta' Vincenzo Viscione u Paolo Viscione. Fid-9 ta' Jannar, 2018, l-appellant ressaq rikors li permezz tieghu talab il-hatra ta' kuraturi deputati fin-nuqqas ta' notifika ta' Luciano Rotondi (li fil-frattemp jirrizulta li gie debitament notifikat) u ta' Andrea Ratti.

Fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2018, quddiem din il-Qorti gie vverbalizzat is-segwenti:

> "Meta ssejjah l-appell dehru Prof Ian Refalo u Dr. Mark Refalo u Dr. Manwel Galea ghall-appellanti.
>
> Dehret Dr. Francesca Galea Cavalazzi ghal-istralcjarju Brian Tonna.
>
> Deher ukoll Dr. Joseph Bonello ghall-ahwa Resciniti.

> Jirrizulta li Andrea Ratti baqa' ma giex notikifat bl-atti u dana wara differiment ghal dan il-ghan tal-10 ta' Ottubru, 2017.
>
> Ingibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghal rikors tat-18 ta' Jannar, 2018 li sar mill-istralcjaru Brian Tonna ghan-notifika tar-risposta tal-appell flimkien mat-traduzzjoni tal-istess risposta lil Andrea Ratti fl-Italja.
>
> Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar ir-rikors wara li tisma' trattazzjoni dwar id-dezerzjoni o meno tal-appell.
>
> Ingibdet ukoll l-attenzjoni tal-Qorti ghar-rikors tad-9 ta' Jannar, 2018 ta' Bruno Lago ghan-nomina ta' kuraturi.
>
> Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwaru in camera.
>
> L-appell qed jigi differit sabiex il-partijiet jitrattaw dwar jekk l-appell ghandux jigi dikjarat dezert in vista tal-fatt li l-atti fl-appell baqghu ma nghalqux ghall-5 ta' Gunju, 2018…"

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu gew nominati bhala kuraturi l-Avukat Dr. Janika Bugeja u l-Prokuratur Legali Madeline Firman bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil Andrea Ratti.

Id-difensuri ttrattaw il-kwistjoni ta' dezerzjoni o meno waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2018 u l-appell gie differit ghas-sentenza fuq din il-kwistjoni ghal-lum.

L-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi hekk:

> "(1) … il-procedura bil-miktub, f'kull kawza, ghandha tigi maghluqa, … fil-qorti fi grad ta' appell, fiz-zmien perentorju ta' sena.

(2) … iz-zmien jibda ghaddej … fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors tal-appell ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata.

"(3) **Jekk, ukoll** jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bil-miktub f`kawza m'humiex maghluqa**, il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista` jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f'xi nuqqas ta` notifika jew minhabba f`xi nuqqas ta` twettiq ta` xi procedura jew formalita`.**

"(3A) **Id-dezerzjoni ta` kawza ghandha tigi dikjarata b`digriet moghti fil-qorti bil-miftuh jekk, wara li jkunu nghataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub jibqghu ma jinghalqux.**" (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Minn ezami tal-atti jirrizulta li l-appell in ezami gie appuntat ghas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2017, disa' xhur wara li gie ntavolat ir-rikors tal-appell u ghalkemm ma kienx ghadu ghalaq it-terminu perentorju ta' sena mahsub taht l-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12, waqt dik is-seduta nghataw l-ordnijiet li jistghu jinghataw ghal darba wahda biss kif mahsub taht l-Artikolu 963(3). Kwindi l-Qorti tat koncessjoni lill-appellant ta' oltre tliet xhur sabiex isiru n-notifiki li kien baqa' u b'hekk jinghalqu l-istess proceduri bil-miktub. Kif jipprovdi l-istess subartikolu in ezami, dan huwa permess ghal darba wahda biss.

Id-dezerzjoni ma ssehhx jekk dak li jkun ordnat il-Qorti jitwettaq. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-appellant irnexxielu jinnotifika lil hames appellati, izda ghalkemm fittex li jinnotifika wkoll lill-appellati Paolo Viscione, Vincenzo Viscione u Andrea Ratti, dawn baqghu ma gewx notifikati la fit-terminu moghti mill-Qorti kif kontemplat taht l-Artikolu 963(3), u

lanqas fit-terminu perentorju ta' sena kif kontemplat taht l-Artikolu 963(1). Fil-fatt jirrizulta li t-talba ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil Andrea Ratti saret oltre t-terminu ta' sena minn meta kien intavolat ir-rikors tal-appell, filwaqt li ma ttiehed ebda provvediment fil-kaz ta' Paolo Viscione u Vincenzo Viscione.

Jigi osservat li ghalkemm l-appellant ghamel zewg tentattivi ta' notifika wara l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, liema tentattivi ma rnexxewx, l-istess appellant ghamel disa' xhur shah wara li gie ntavolat ir-rikors tal-appell fejn baqa' passiv u ma sar ebda tentattiv da parti tieghu li jintraprendi l-proceduri opportuni sabiex issir in-notifika lill-intimati barranin li jghixu l-Italja. Il-fatt jibqa' li ghalkemm il-Qorti tat ordni lill-appellant sabiex isiru n-notifiki li kien ghad baqa' li jsiru, sabiex tigi evitata d-dezerzjoni, l-intimati appellati Paolo Viscione u Vincenzo Viscione u Andrea Ratti baqghu ma gewx notifikati bir-rikors tal-appell u wisq inqas inghalqu l-proceduri bil-miktub fit-terminu perentorju ta' sena kif kontemplat mil-ligi, li jwasslu lil din il-Qorti ghall-fehma li l-appell ghandu jigi dikjarat dezert.

Ma jaghmel ebda sens jinghad li peress li l-appellant ghamel zewg tentattivi ta' notifika wara li l-Qorti akkordat terminu sabiex isiru n-notifiki, jew il-fatt li kien ghadu ma skadiex it-terminu perentorju ta' sena meta din il-Qorti akkordat lill-appellant l-opportunita` li jsiru n-notifiki mehtiega,

dan iwassal sabiex tigi evitata d-dezerzjoni, altrimenti tkun qieghda tixxejjen in-natura eccezzjonali tar-rimedju kontemplat taht l-Artikolu 963 (3). Din il-Qorti hija propensa li taqbel ma' dak osservat mid-difensur tal-istralcjarju appellat waqt it-trattazzjoni, li l-fatt li t-test tal-ligi fil-bidu tas-subartikolu (3) juza l-kliem: "Jekk, <u>ukoll</u>", dan ghandu jfisser li fin-nuqqas li tigi osservata dik l-ordni, ukoll jekk ma jkunx ghadu ddekkorra t-terminu ta' sena, dan ghandu xorta jwassal ghad-dezerzjoni. *Multo magis* f'dan il-kaz fejn il-proceduri bil-miktub baqghu ma nghalqux fit-terminu perentorju ta' sena.

Dan qieghed jinghad ukoll peress li s-subartikolu (3A) tal-Artikolu 963 jipprovdi li meta minkejja l-ordnijiet moghtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), il-proceduri bil-miktub jibqghu mhux maghluqa, l-kawza quddiem il-Qorti tat-tieni grad <u>ghandha tigi dikjarata bhala kawza dezerta.</u> It-terminologija adoperata hija certament wahda mandatorja u mhux wahda fakoltattiva, dan fil-fehma ta' din il-Qorti, sabiex jigi enfasizzat il-htiega li l-proceduri jsiru bl-ispeditizza mehtiega sabiex tigi deciza kawza fi zmien ragonevoli.

Il-fatt li l-appellant baqa' passiv ghal disa' xhur shah isahhah il-fehma ta' din il-Qorti li hija ghandha tapplika b'rigorozita` l-provvedimenti tal-ligi tal-procedura, f'dan il-kaz l-istitut tad-dezerzjoni, mahsuba bhala dizincentiv ghad-dewmien li jirrizulta fil-proceduri gudizzjarji dovut ghal

traskuragni. Huwa ritenut li l-appellant kellu jadopera l-proceduri opportuni ta' notifika minnufih. Wara kollox mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-istralcjarju appellat ghamel uzu mill-procedura ta' notifika idoneja minnufih sabiex jigi notifikat Ratti, fl-indirizz moghti ta' "Via Alessandro Manzoni nr.253, Pi 2, Quartiere Posillipa, c.a.p. 80123 – Napoli, Italia", mir-referti in atti jirrizulta li l-istess intimat appellat kien jirrizulta "Destinatario Trasferito" sa minn Marzu 2017 (kif jidher mir-referta a tergo ta' fol. 58A). Kwindi t-tentattiv tal-appellant li jaghmel in-notifika fl-istess indirizz f'Ottubru u Novembru, 2017, zgur li ma kienx ser ikollu r-rizultat mixtieq. L-istess jirrizulta fir-rigward tat-tentattivi ta' notifika lil appellati Paolo Viscione u Vincenzo Viscione (ara referti negattivi a tergo ta' fol. 82 u ta' fol. 106 tal-process).

Id-diffikultaljiet li sab ma' wiccu l-appellant wara li nghatat lilu l-opportunita` li jaghmel in-notifiki mehtiega ma kienux insormontabbli, izda l-appellant halla tard wisq sabiex jittanta jaghlaq l-proceduri bil-miktub permezz tal-hatra ta' kuraturi deputati. Huwa kellu jinqeda b'din il-procedura qabel u mhux wara li skada t-terminu perentorju ta' sena.

Kwindi ladarba rrizulta li l-proceduri bil-miktub ma nghalqux wara l-ordni li tat din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2017, u baqghu ma nghalqux anqas fiz-zmien perentorju ta' sena, tiddikjara l-appell dezert. L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu a karigu tal-appellant.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm